# San Ġużepp u Għawdex

✍ Kav. Joe M. Attard

L-antenati tagħna kellhom ħabta kif joħorġu b'espressjonijiet u għajdut li baqgħu ġejjin sa żmienna u li fihom minjiera ta' tagħlim. Forsi l-qwiel li jżejnu l-letteratura tagħna mhumiex xhieda ħajja ta' hekk! L-istess nistgħu ngħidu li għamlu għax-xhur. Ħadu ħsieb jorbtu kull xahar ma' xi ġrajja li tkun tiġi f'dak ix-xahar partikulari. Hekk ngħidu aħna, Novembru huwa x-Xahar tal-Erwieħ, billi kif tafu, jiftaħ b'din it-tifkira tal-mejtin tagħna li ttul ix-xahar kollu. Biex nieħdu eżempju ieħor, Diċembru, ix-xahar tal-Milied, billi din il-festa tiġi proprju f'dan l-aħħar xahar tas-sena u l-poplu tagħna jibda jħejji għaliha sa mill-bidu tiegħu jekk mhux qabel ukoll! Ottubru, ix-xahar tar-Rużarju, u fl-ewwel Ħadd tiegħu mill-Knisja Katidrali tagħna toħroġ mat-toroq tal-Victoria purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna bil-kuruna tar-Rużarju f'idejha, xi ħaġa li ssir ukoll f'bosta mill-irħula tagħna. U nistgħu nibqgħu sejrin llaqqmu l-bqija tax-xhur.

Ħalli issa niġu għax-xahar ta' *Marzu*, li fostna huwa magħruf bħala x-xahar ta' San Ġużepp, għaliex proprju fid-dsatax-il jum tiegħu, il-Knisja tiċċelebra l-festa ta' dan il-Patrijarka, il-Missier Putattiv ta' Ġesù. U Ommi kienet tgħidli, Alla jaħfrilha, li meta d-19 tax-xahar jaħbat l-Erbgħa, San Ġużepp jaqla' ħafna grazzji; dis-sena d-19 ta' Marzu ħabat s-Sibt; tal-inqas gawdew dawk li s-soltu jaħdmu s-Sibt għax jew ħaduha vaganza inkella jekk daħlu għax-xogħol tħallsu doppju! U allura, kull min għandu l-fidi, nitolbu jdur lejn dan il-Patrijarka ħiemed u safi, u jitolbu b'fidi dak kollu li jeħtieġ, l-ewwel fir-ruħ u mbagħad fil-ġisem! Għal tant u tant snin, fir-Rabat fejn noqgħod jien, kienet issir il-Purċissjoni bl-istatwa devota ta' San Ġużepp, xi ħaġa li għal xi raġuni jew oħra, waqfet. Kienet toħroġ mill-knisja Bażilika ta' San Ġorġ fejn għadna nsibu statwa sabiħa tal-Qaddis li titqiegħed f'niċċa għaliha fis-sagristija fejn tara jqerru l-irġiel. Niftakar lill-Arċipriet Mikiel Cefai, li kien minn dan ir-raħal Ġużeppin tal-Qala jqarar fuq siġġu għad-dell ta' din l-istatwa. Fil-jiem tal-festa din l-istatwa ta' daqs mhux ħażin kienet issib postha fil-knisja parrokkjali. Statwa oħra devota ta' San Ġużepp insibuha wkoll fil-Katidral tagħna; u fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei, tefgħa ta' ġebla bogħod mis-Seminarju. Teżisti devozzjoni qawwija lejn il-Qaddis li lilu ssirlu t-Tridu u jitqassmu wkoll il-kurunelli tiegħu. Issa li din il-festa pubblika reġgħet lura fostna, m'hemm xejn ħażin jew barra minn loku li wieħed iqis u jiżen il-possibiltà li terġa' tibda ssir il-purċissjoni meta wieħed iqis li ma tidħolx fi knisja u ma ssibx l-istatwa jew ix-xbieha ta' dan il-qaddis, l-għarus kastissimu ta' Marija. Ma rridux ninsew ngħidu mbagħad li l-Qala għandha bħala qaddis patrun lil San Ġużepp li l-Qalin ifakkru b'tant pompa u għożża fl-ewwel Ħadd ta' Awwissu.

Fil-Kappella antika tal-Lunzjata li tinsab qalb il-ħdura u raba' saqwi taħt ir-riħ tar-raħal ta' Kerċem ukoll insibu statwa ħelwa ta' dan il-qaddis li bla dubju għandu rabta kbira mal-festa titulari ta' din il-knisja ċkejkna u mwarrba, it-Tħabbira tal-Anġlu Gabrijel lill-Madonna. Jekk ma niżbaljax fix-Xagħra wkoll issir festa f'ġieħ dan il-qaddis sieket u umli li rabba lil Ġesù tarbija miċ-ċana u s-serratura li kienet toħroġ mill-bibien u mwejjed li kien jagħmel fil-ħanut tal-mastrudaxxa.

Intant wieħed ma jistax jikteb dwar San Ġużepp u jħalli barra d-devozzjoni qawwija li kien igawdi dan





il-qaddis fil-knisja ċkejkna u antika li kellu ftit passi 'l-bogħod mill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Martri fil-Victoria u li kienet tintlaħaq malajr ukoll minn Pjazza Indipendenza. Kienet knisja żgħira fiċ-ċentru tar-Rabat fil-bidu tas-Suq, milħuqa minn kulħadd, anke min-nies tal-irħula Għawdxin li ta' kuljum jidħlu r-Rabat biex jaqdu l-bżonnijiet tagħhom. Arahom bejn faċenda u oħra jixirfu sa din il-knisja biex jitolbu xi ftit. Matul ir-Randan, din il-knisja kienet tkun imballata bin-nies jinvistaw l-erbatax-il stazzjon tal-Via Sagra; xejn inqas fl-Erbgħat ta' San Ġużepp b'mod speċjali meta l-jum tal-Erbgħa jinzerta d-19 tax-xahar, xi ħaġa li ma tiġrix ta' spiss. F'jum bħal dan, l-antiki kienu jgħidu li l-Qaddis tagħna jaqla' grazzji speċjali lil min jitolbu, twemmin li għadu popolari fostna anke llum. Din il-knisja llum twaqqgħet biex tagħmel spazju għal iktar wisa' u kumdità f'din in-naħa ta' Victoria u nittamaw li ma ndumux ma narawha b'dehra isbaħ milli hi bl-istink tal-Kunsill Lokali ta' beltna. Diġà sar ħafna imma nemmen li għad fadal xi jsir! Imma kull min kiser l-erbgħin żgur li ma jinsihiex kif ġieb u laħaq. Il-knisja ta' San Ġużepp tas-Suq, kif kienet magħrufa mir-Rabtin, b'mod speċjali, m'għadhiex magħna imma żgur hija parti importanti mill-wirt storiku ta' pajjiżna li taf il-bidu tagħha mijiet ta' snin ilu.

Bosta drabi billi din il-festa tiġi matul ir-Randan, titfakkar imbagħad xi jiem fuq l-Għid. Fix-Xlendi wkoll ir-Rettur ħabrieki t'hawnhekk jagħmillu festa sabiħa lil San Ġużepp u fid-19 tax-xahar issir Konċelebrazzjoni Solenni bil-kurunella u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Wara l-festa tal-Madonna tal-Karmnu li hija t-titular tal-Knisja, dik ta' San Ġużepp hija bla dubju s-"seconda festa". Ngħid għalija jien ma nistax ninsa festa bħal din, għax barra li San Ġużepp huwa l-qaddis patrun ta' ismi, kien ukoll fil-festa liturġika tiegħu li ntrabatt ma' marti fis-Sagrament taż-żwieġ u biex tkompli l-istorja, marti tagħlaq żmienha fid-19!

U xtaqt nagħlaq din il-kitba qasira fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp billi nislet l-aħħar żewġ strofi minn poeżija twila li jien kont ktibt f'ġieħ dan il-qaddis xi ftit tas-snin ilu.



***O Ġużeppi Missier tagħna***
***Tħalliniex minnek nitbiegħdu***
***Qawwi lilna kontra l-ħalel***
***Li did-dinja qed iriegħdu***

***Sabiex wara din il-ħajja***
***Taħt il-ħarsien ħelu tiegħek***
***Ingawduk niġu fis-Sema***
***Ferħanin għal dejjem miegħek.***